

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2012 — Al Toun u Al Toun Group vs Il-Kunsill

(Kawża T-326/12) ⁽¹⁾

(“Politika barranija u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi diretti kontra s-Sirja — Revoka tal-lista tal-persuni kkonċernati — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2013/C 55/25)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Partijiet

Rikorrenti: Salim Georges Al Toun (Al Ghassaneya Lattakia, is-Sirja) u Al Toun Group (Damasku, is-Sirja) (rappreżentant: S. Koev, avukat)

Konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Kyriakopoulou u I. Gurov, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK, tal- 1 ta' Diċembru 2011, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/273/PESK (ĠU L 319, p. 56), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/256/PESK, tal-14 ta' Mejju 2012, li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 126, p. 9), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012, tat-18 ta' Jannar 2012, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 (ĠU L 16, p. 1), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 410/2012, tal-14 ta' Mejju 2012, li jimplementa l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 126, p. 3), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

(1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

(2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 311, 13.10.2012.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2012 — Front Polisario vs Il-Kunsill

(Kawża T-512/12)

(2013/C 55/26)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Front populaire pour la libération de la saguia-el-ħamra et du rio de oro (Front Polisario) (Laâyoune) (rappreżentant: C.-E. Hafiz, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla l-att ikkontestat, u konsegwentement, l-atti kollha ta' applikazzjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrent jinwoka ħames motivi insostenn tar-rikors tiegħu kontra i) id-Deċiżjoni tal-Kunsill, tat-8 ta' Marzu 2012, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jitratta miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokoll Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU L 241, p. 2), kif ukoll ii) ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2012, tat-12 ta' Settembru 2012, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 747/2001 fir-rigward tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw mill-Marokk (ĠU L 247, p. 7).

Ir-rikorrenti, fil-kwalità ta' tiegħu ta' rappreżentant tal-poplu ta' Sahrawi, iqis ruħu kkonċernat direttament u individwalment minn dawn l-atti.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat, minn naħa, fuq ksur tal-prinċipju ta' motivazzjoni, meta l-motivazzjoni kienet partikolarment neċessarja fid-dawl tal-kuntest ġuridiku u, min-naħa l-oħra, fuq ksur tad-dritt għal smigħ, peress li l-Front Polisario ma ġiex ikkonsultat.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tad-drittijiet fundamentali protetti mill-Artikolu 67 TFUE, mill-Artikolu 6 TUE u mill-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza peress li ġie skartat id-dritt għal awtodeterminazzjoni tal-poplu ta' Sahrawi u peress li għet inkoraġġuta l-politika ta' annessazzjoni mmexxija mir-Renju tal-Marokk, li skont ir-rikorrent jikkostitwixxi forza ta' okkupazzjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrent isostni li jeżisti ksur tal-prinċipju ta' koerenza previst fl-Artikolu 7 TFUE minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' sovranità, kif ukoll ksur tal-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea u tal-prinċipji li jirregolaw l-azzjoni esterna tagħha bi ksur tal-Artikoli 2 TUE, 3(5) TUE, 21 TUE u 205 TFUE.

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-istrumenti ta' ftehim internazzjonali konklużi mill-Unjoni Ewropea, u partikolarment tal-ftehim ta' assoċjazzjoni konkluż bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, kif ukoll tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-dritt tal-baħar.